# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-29 ta' Mejju 2023**

**Rikors Nru : 207/2023 JPG**

**Kawza Nru : 30**

**PB**

**U**

**SC**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 12 ta' April 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti żżewġu nhar it-8 ta' Novembru 1997 fil-knisja Kolleġġjata tal-Immakulata Kunċizzjoni Cospicua (vide ċertifikat taż-żwieġ Dok A).*
2. *Illi miż-żwieġ tagħhom lill-komparenti għandhom zewg ulied u cioe' NB li twieldet nhar X u TB li twieldet nhar Y, u li għalhekk it-tnejn huma maġġorenni.*
3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali tagħhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Vanessa Pool datat sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 2009 (vide Dok B).*
4. *Illi l-partijiet ilhom għalhekk separati legalment madwar erbatax-il sena u ilhom madwar hmistax-il sena ma jgħixu flimkien.*

5. *Illi r-rikorrenti ma jaraw li hemm l-ebda prospett raġonevoli li huma jistgħu jirrikonċiljaw.*
6. *Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut fil-present bejn il-partijiet u m'hemm l-ebda arretrati.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara illi ż-żwieġ ta' bejniethom huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.*
2. *Tordna lir-reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-Partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 18 ta' Mejju 2023;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SC xehedet** (vide affidavit fol 11) illi l-partijiet izzewgu nhar it-8 ta' Novembru 1997, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, illum maggiorenni. Sostniet illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Vanessa Pool nhar is-26 ta' Novembru 2009. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**PB xehed** (vide affidavit fol 12) u kkonferma u kkorrobora max-xhieda ta' SC.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Novembru 1997, liema zwieg jgib certifikat numru 2023/1997 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 2). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, ilum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Vanessa Pool nhar is-26 ta' Novembru 2009 (Vide fol 3 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2023/1997 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**